*- SELF BREVI MANU -*

*- ONERU TA' PROVA -*

*- MIN JALLEGA GHANDU L-PIZ TAL-PROVA -*

*-VEROSIMILJANZA HIJA FORMA TA' KORROBORAZZJONI -*

# FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI.

**IMHALLEF.**

**ONOR. RAYMOND C. PACE. LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 28 ta' Gunju 2001**

**Kawza Numru. 2**
**Citaz. Numru. 2043/96/RCP.**

**Emanuele u Rose konjugi Aquilina**

**vs**

**Lorraine u Frank konjugi Farrugia**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol 1 tal-process fejn gie premess:

Illi l-attur Emanuel Aquilina hallas diversi kontijiet tal-konvenuti Lorraine u Frank konjugi Farrugia u anke silef ammont ta' flus lill-istess Lorraine Farrugia u Frank Farrugia.

Illi skond kif jirrizulta mill-anness prospett Dokument 'A', l-ammont totali ta' flus imhallsa u mislufa jammonta ghal erbat' elef u hamsa u hamsin lira Maltin (Lm4,055);

Illi interpellati diversi drabi l-konvenuti baqghu inadempjenti;

Illi l-istess attur talab li l-konvenuti ghar-ragunijiet premessi u dispensat mis-smiegh tal-kawza skond l-artikolu 167 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta u in vista tal-affidavit ta' Emmanuel Aquilina, jghidu ghaliex m'ghandhomx jigu kkundannati jhallsu lill-attur is-somma ta' erbat' elef u hamsa u hamsin lira Maltin (Lm4,055).

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali, tal-mandat ta' qbid numru 3625/95, tal-mandat ta' sekwestru numru 1343/96 u bl-imghaxijiet legali mid-data tan-notifika tal-ittra ufficjali kontra l-konvenuti mharrka ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 4 tal-process;

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti esebiti a fol 5 sa 8 tal-process;

Rat il-verbal tad-19 ta’ Gunju 1996 fejn dehret il-konvenuta assistita minn Dr Michael Sciriha li ddikjara li l-konvenuta ghandha eccezzjonijiet validi x’taghti, fosthom dik illi l-konvenuti hallsu s-somma ta’ hames mitt lira Maltija (Lm500). Dr Sciriha wera din l-ircevuta lill-attur u dan iddikjara li din tirreferi ghal self iehor li mhux inkluz fic-citazzjoni. Il-Qorti tat il-fakolta’ lill-konvenuti li jipprezentaw in-nota tal-eccezzjonijiet taghhom fi zmien ghoxrin (20) gurnata u l-kawza giet differita ghat-13 ta’ Novembru 1996 ghall-kontinwazzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti a fol 14 tal-process fejn gie eccepit:

1. Illi preliminarjament, l-ammont pretiz huwa esagerat ghaliex l-attur silef lill-konvenuta s-somma ta' elf lira Maltin (Lm1000) biss.

2. Illi l-ammonti l-ohra pretizi kienu donazzonijiet maghmula mill-attur lill-konvenuti jew ammonti li l-attur ta lill-konvenuta bl-intiza li din tixtrilu xi affarjiet li fil-fatt ghamlet u tatu biex igawdihom.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti u l-lista tax-xhieda a fol 15 sa 17 tal-process;

Rat il-verbal tas-seduta tat-13 ta' Novembru 1996.

Rat in-nota tal-attur tat-13 ta' Novembru 1996 fejn permezz taghha esebixxa l-affidavit tieghu stess u xi dokumenti.

Rat il-verbali tas-seduti tat-18 ta' April 1997; tad-9 ta' Gunju 1997, fejn xehed il-PL Mario Mifsud Bonnici; tat-22 ta' Otturu 1997 u tal-15 ta' Dicembru 1997.

Rat in-nota tal-konvenuta tal-15 ta' Dicembru 1997 fejn permezz taghha prezentat l-affidavit taghha (fol 45 sa 48 tal-process).

Rat in-nota tal-konvenuti tad-9 ta' Frar 1998 fejn permezz taghha prezentaw l-affidavit ta' Pauline Mifsud (fol 51 sa 53).

Rat il-verbali tas-seduti tat-18 ta' Frar 1998; tat-18 ta' Mejju 1998; tal-11 ta' Dicembru 1998 fejn xehdet in kontro-ezami l-konvenuta; tat-12 ta' Mejju 1999 fejn kompliet tixhed in kontro-ezami l-konvenuta; tad-19 ta' Jannar 2000; tal-21 ta' Frar 2000; tat-12 ta' Mejju 2000; tat-13 t'Ottubru 2000 fejn din il-kawza bdiet tigi mismuha minn din il-Qorti kif prezentament

ippresjeduta; tat-22 ta' Novembru 2000; tal-4 ta' April 2001 u tal-31 ta' Mejju 2001 fejn il-Qorti rat li l-kawza kienet ghall-ahhar darba biex isir il-kontro-ezami tal-konvenuta, kollox kif indikat fil-verbal tal-4 ta' April 2001 u peress li ma deher hadd il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-28 ta' Gunju 2001.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi l-azzjoni attrici saret peress li l-attur Emanuel Aquilina qed jallega li hallas diversi kontijiet tal-konvenuti Lorraine u Frank konjugi Farrugia u anke silef ammont ta' flus lill-istess Lorraine Farrugia u Frank Farrugia, u ghalhekk qed jitlob ir-rifuzzjoni tal-istess ammonti lura minghand il-konvenuti.

### (A) PROVI PRODOTTI.

Illi l-konvenuti fid-dikjarazzjoni annessa mac-citazzjoni attrici sostnew li huma jammettu li ghandhom jaghtu l-ammont ta' Lm1,025 rappresentanti dawk is-somom li inghataw lilhom permezz ta' cekkijiet numri 69 u 70 rispettivament.

Illi dwar l-ammonti l-ohra l-konvenuti sostnew li dawn kienu flus li l-attur avvanza lill-konvenuta sabiex hija tixtrilu diversi affarijiet meta tkun imsiefra fosthom cekk numru 68 fl-ammont ta' Lm100 li kien intuza biex inxtraw hwejjeg tal-irgiel lill-attur, filwaqt li c-cekkijiet

numri 42, 46, u 47 fl-ammonti ta' Lm125, Lm200 u Lm67 rispettivament kienu donazzjonijiet li inghataw lill-konvenuta.

Illi l-ammonti mahruga mill-A.T.M. kienu jintuzaw mill-attur meta kien isiefer mal-attrici, filwaqt li Lm100 intuzaw mill-attrici sabiex tixtrilu *spare parts u seat covers* ghall-karozza, u l-pagament ta' Lm100 kien inhafer mill-attur meta l-konvenuti kien hallsuh s-Lm750 ghall-karozza Fiat Bis.

Illi dwar il-habta l-konvenuti sostnew li l-attur kien offra li jhallasha hu; u meta xtrat il-mobile l-konvenuta kienet hallset Lm90 minn Lm130 u l-attur qalilha sabiex izzomm Lm20, u taghtih Lm20 ohra biss.

Illi **l-attur** fl-affidavit tieghu tat-13 ta' Novembru 1996 sostna li sar jaf lill-konvenuta b'kumbinazzjoni meta talabha tixtrilu sett *car covers* minn Catania; wara l-istess konvenuta talbitu issellifha diversi ammonti ta' flus kif indikat fl-istess affidavit a fol. 22 u 23 tal-process, u sostna li kien ghamel kuragg ghaliex qabel dawn l-ammonti mertu tac-citazzjoni attrici kien diga sellifha Lm1000 li irrifondithom f'zewg pagamenti tas-27 ta' Novembru 1994 u 7 ta' Dicembru 1994 ta' Lm500 il-wiehed. Wara rega' avvanza lill-istess konvenuta diversi ammonti ohra li gibed mill-A.T.M. u meta talabha sabiex thallashom din qatt ma innegathom, pero' qaltlu biex jikkomunika mal-avukat Dr. Michael Sciriha kif jirrizulta mill-ittra legali datata

17 ta' Mejju 1995 fejn dan talab lill-attur sabiex jikkomunika mieghu dwar *problemi ta' xi dejn li jezistu bejnek u l-klijenta tieghi"* kif jirrizulta minn Dok. "EA 13" a fol. 28 tal-process.

Illi l-**Prokuratur Legali Mario Mifsud Bonnici** xehed fis-seduta tad-9 ta' Gunju 1997 u sostna li madwar sena qabel kien iltaqa' mal-attur u l-konvenuta li kienu flimkien tas-Sliema, u l-attur talbu sabiex ihallaslu Lm25 spejjez ta' Qorti, u l-konvenuta offriet li thallashom hija w allura l-attur ta' Lm25 sabiex taghmel hekk, pero' wara xi zmien l-attur kien qallu li l-konvenuta ma hallsitx dak l-ammont ghalkemm kien ta' l-flus.

Illi **l-konvenuta** fl-affidavit taghha tal-15 ta' Dicembru 1997 a fol. 46 sa 48 tal-process sostniet li wara li kienet xtrat xi *covers* lill-attur fin-1993, hija bdiet tohrog mal-attur, u peress li kienet tmur spiss Catania, l-attur kien jitlobha sabiex tixtrilu xi affarijiet u fil-fatt hekk kienet taghmel u wara kien ihallasha lura b'cekkijiet; dwar il-Lm100 sabiex tmur Catania sostniet li dawn kienu inghataw lilha sabiex tixtri xi haga lill-attur kif fil-fatt ghamlet; ic-cekk fuq bintha Charmaine sar biex hija itieh flus kontanti sabiex jixtri biljetti biex imur Sqallija; Lm1,000 tat-Telemalta veru inghataw pero' thallsu lura u r-ricevuti kienet ghaddiethom lill-Qorti fl-ewwel udjenza taghha; dwar l-eccezzjonijiet taghha sostniet li vera kienet isselfet Lm1,000, pero' dawn kienet halsithom, u irrispondiet

b'dak il-mod in-nota tal-eccezzjonijiet ghaliex dak iz-zmien kienet imfixxka, u kienet ammettiet bi zball; dwar l-Lm100 tal-karozza sostniet li dawn kienu nghataw lilha mill-attur bhala kumpens bhala huttaba ghall-bejgh tal-istess karozza; dwar l-hsara fil-karozza, dan kien sewwiha l-attur li huwa *mechanic*; dwar il-Lm25 huwa veru u rrikonoxiethom, pero' ghamlet hekk ghaliex l-attur kien ghadu kemm ta' xebgha; il-bilanc ghall-prezz tal-Motorola dawn kien hafiromlha l-attur. Il-flus l-ohra imsemmija mill-attur kienu jew biex tixtrilu affarijiet jew donazzjonijiet. Illi apparti dan sostniet li l-attur kien jaghtiha hafna rigali, fosthom offra li jhallas tal-bibien tad-dar taghha, kif fil-fatt ghamel. Sostniet ukoll li kienet iddur bl-attur u ghalhekk kien jaghtiha r-rigali u jhalsilha l-affarijiet, jew biex tahfirlu tali kien sawwatha. Meta spiccat ma l-attur beda jaqla' affarijiet fuqha sakemm fetah din il-kawza.

Illi in kontro-ezami l-konvenuta fis-seduta tal-11 ta' Dicembru 1998 sostniet li l-affarijiet li gabet lill-attur kienu glekkijiet u qliezet u ta' dan kien ta' cekk ta' Lm200 u Lm12 fi flus kontanti. Dwar ic-cekk li sar fuq Charmaine Farrugia sostniet li gie miktub minnha, pero' dawn intuzaw sabiex tixtri hwejjeg biex tilbes, pero' ghamlitu fuq it-tifla ghaliex *"ic-cekkijiet ma tafx tiktibhom".*

Illi in kontro-ezami fit-12 ta' Mejju 1999 sostniet li c-cekkijiet "EA6" "EA9" "EA8" u "EA10" gew ilkoll

inkassati minnha; dwar il-prezz tal-karozza li inxtrat minn zewgha, il-Lm100 inghatat lilha bhala kumpens mill-attur.

Illi dwar ic-cekkijiet a fol. 26 tal-process sostniet li dawn ma halsithomx lura stante li dawn ma inghatawx lilha b'self, izda kienu inghataw lilha ghaliex kienu jghixu flimkien bhal ragel u mara u kienu jintuzaw ghat-tnejn. Illi dwar l-ittra tad-difensur taghha tas-17 ta' Mejju 1995 sostniet li hija ma kellhiex amment li kellha xi dejn mal-attur dakinhar.

Illi **Pauline Mifsud** sostniet fl-affidavit taghha tad-9 ta' Frar 1998 a fol. 52 tal-process li hija kienet habiba tal-konvenuta, u kull meta marret ghandha tul in-1994 u in-1995 dejjem sabet lill-attur ghandha. Sostniet li kienet anke tarah jiekol ghandha kemm il-darba.

Illi l-istess xhud kompliet li darba marret mal-konvenuta Hal Luqa sabiex jaraw xi kcejjen u iltaqa' maghhom l-attur li beda jghid lill-konvenuta biex ma titilqux, u hawn x-xhud qalet li indunat ghall-ewwel darba li dawn kellhom relazzjoni bejniethom. F'April 1994 sostniet li kienet cemplitilha l-konvenuta u qaltilha biex tmur malajr ghandha u kif waslet il-konvenuta stqarret maghha li l-attur kien ser jallaqha bil-wire ta' l-*electric blanket*; wara l-attur kien gie id-dar u ried jiehu l-konvenuta l-isptar, u fil-karozza qalilha li kien irrabja ghaliex ma riedx li l-konvenuta tahli flus f'taxi. Wara qal lix-xhud biex twassallu mal-

konvenuta li huwa kien jiddispjacih talli ghamlilha u sabiex tahfirlu. Sostniet li l-konvenuta ma kienitx titkellem maghha dwar ir-relazzjoni taghha mal-attur, pero' kienet qaltilha li darba l-attur kien ta' curkett sabih u li darba ohra ta xebgha kbira sabiex ma titilqux.

## (B) APPREZAMENT TAL-PROVI PRODOTTI.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li ma hemmx bazikament kontestazzjoni bejn il-partijiet li l-attur effettivament avvanza lill-konvenuta diversi ammonti ta' flus sabiex jinxtraw jew jithallsu minnha oggetti varji, pero' ma humiex qed jaqblu fuq ir-raguni u l-kawzali ghaliex gew mghoddija lill-konvenuta jew lill-terzi persuni ghan-nom tal-konvenuta dawn l-istess somom.

Illi fil-fatt l-attur qed isostni li dawn l-flejjes u l-pagamenti gew moghtija lill-konvenuta b'titolu ta' self *brevi manu*, mentri l-konvenuta qed isostni li l-ammont ta' self kien biss ta' Lm1,025, li in effetti qed tallega li hallset Lm1,000 minnhom, mentri l-bqija kienu biss donazzjonijiet, jew flus mghoddija lilha mill-attur sabiex hija tixtri xi affarijiet lill-attur, konsistenti wkoll fi hwejjeg u oggetti ohra tal-karozza meta hija kienet issiefer Catania, liema oggetti fil-fatt xtrat u ikkonsenjat lill-attur.

Illi abbazi tal-principju baziku fil-kuntest ta' provi, li min jallega ghandu l-oneru tal-prova, huwa oneru tal-attur li jipprova l-allegazzjonijiet tieghu, u skond il-provi prodotti, u d-dokumenti esebiti, senjatament ukoll il-kopji ta' diversi cekkijiet li inghataw lill-konvenuta jew lill-terzi sabiex jithallsu debiti tal-konvenuta, jirrizulta bla ebda dubju kwalunkwe li tali ammonti fil-maggoranza taghhom gew moghtija lill-konvenuta tant li fil-fatt dan huwa addirittura ammess mill-istess konvenuta.

Illi fl-opinjoni tal-Qorti wkoll, anke abbazi tax-xhieda moghtija mill-attur innifsu, jirrizulta wkoll li l-allegazzjonijiet attrici huma aktar verosimili minn dawk tal-konvenuta, stante li l-istess attur kien car u konsistenti fix-xhieda tieghu, li huwa dejjem ta' lill-attrici l-istess ammonti ta' flus bhala self, u dejjem ippretenda li l-istess ghandhom jithallsu lura. Illi fil-fatt minn ezami tal-istess xhieda tal-attur ma jirrizultax li huwa b'xi mod ikkontradixxa lilu innifsu, anzi kien pjuttost car, skjet, u spjega fid-dettal d-diversi okkazzjonijiet li huwa ghamel dawn il-hlasijiet lil jew fl-interess tal-konvenuta.

Illi fil-fatt huwa wkoll principju assodat fil-gurisprudenza taghna li l-verosimiljanza hija forma ta' korroborazzjoni, u taht dan l-aspett jinghad li t-tezi tal-istess attur hija hekk korroborata u ppruvata.

Illi dan qed jinghad ukoll ghaliex, jekk min-naha l-ohra wiehed ihares lejn it-tezi tal-konvenuta, tirrizulta li x-xhieda tal-istess hija mimlija inkonsistenzi, u f'certi kazi wkoll inveritiera u inkredibbli.

Illi fil-fatt, u taht dan l-aspett jirrizulta li l-konvenuta, l-ewwel sostniet li mhux id-debitu kollu huwa dovut, ghaliex anke halset Lm500 u dan kif jirrizulta fil-verbal tas-seduta tad-19 ta' Gunju 1996; fl-eccezzjonijiet sostniet li l-unika ammont li hija isselfet kien biss Lm1,025 u li minnhom hallset Lm1,000; mentri fix-xhieda taghha sostniet li ma ghandha taghti xejn lill-attur hlief l-ammont ta' Lm25.

Illi ma dan wiehed izid li l-istess konvenuta tramite d-difensur taghha kienet kitbet lill-attur b'ittra tas-17 ta' Mejju 1995 fejn stidnitu sabiex ikellem lill-avukat taghha *"dwar problemi ta' xi dejn li jezisti bejnek* (l-attur) *u l-klijenta tieghi* (il-konvenuta)*",* kif jirrizulta minn Dok. "EA 13" a fol. 28 tal-process.

Illi kkonsidrat il-fatt li skond it-tezi tal-istess konvenuta ma saru ebda pagamenti minnha wara dik id-data, u fil-kuntest tax-xhieda tal-konvenuta f'din il-kawza, jibqa' misteru ghaliex l-konvenuta ghamlet din id-dikjarazzjoni ta' konoxxenza tad-dejn li kien jezisti mal-attur, meta hija qed isostni, diversi snin wara, li hija halset l-unika ammont fil-valur ta' Lm1,000 li kien lilha misluf. L-allegazzjoni tal-konvenuta li hija ma tafx kif inkitbet l-istess ittra ghan-nom taghha, certament li

ma jghinx sabiex tigi emnuta t-tezi taghha, peress li din l-Qorti ma ghandha ebda dubju li l-ittra tas-17 ta' Mejju 1995 inkitbet mill-avukat Dr. Michael Sciriha fuq struzzjonijiet proprja tal-istess konvenuta, li riedet li tevita inkontru mal-attur anke minhabba li r-relazzjoni ta' bejniethom kienet spiccat.

Illi fuq kollox din il-Qorti ma tistax taccetta li temmen il-versjoni tal-konvenuta meta l-ewwel tghid li iva hemm dejn izda ghall-ammont inqas minn dak mitlub, u wara diversi snin tghid li kull ma kien hemm dejn kien biss ta' Lm25, u qalet li qalet l-ewwel ghaliex kienet imfixkla.

Illi mhux biss izda anke jekk wiehed ihares lejn l-ammont ta' Lm1,000 li l-attur taha sabiex thallas il-kont tat-telefon li l-istess konvenuta qed issostni li hija irrifondiet lura bi hlasijiet fis-27 ta' Novembru 1994 u 9 ta' Dicembru 1994, dan ukoll ma jistax ikun, ghaliex l-ammont ghall-hlas tat-Telemalta sar mill-attur lill-konvenuta permezz ta' cekkijiet numri 69 u 70 ta' Lm500 il-wiehed proprju fit-2 u l-4 ta' Jannar 1995 rispettivament, u certament li l-konvenuta fis-sena 1994 ma setghetx tirrifondi lill-attur flejjes li kienet ghadha lanqas biss irceviet; illi ghalhekk anke f'dan il-kuntest l-allegazzjoni tal-attur, li tali pagamenti kienu jirreferu ghall-somom ohra avvanzati li pero' mhux mertu ta' din il-kawza ghandha wkoll tipprevali fuq l-allegazzjoni tal-konvenuta li ma hijiex kredibbli, mhux

sostanzjata u addirittura mhux kredibbli u kontrastanti max-xhieda prodotta f'din il-kawza.

Illi dwar l-allegazzjoni li diversi mill-ammonti imhallsa lill-konvenuta, inghataw lill-istess konvenuta b'titolu ta' donazzjoni, dan huwa oneru tal-konvenuta li tipprova, u fl-oponjoni ta' din il-Qorti, dan il-konvenuta naqset li taghmlu; anzi mill-provi jirrizulta li l-konvenuta sostniet, anke permezz tax-xhieda ta' Pauline Mifsud li l-istess attur kien jaghtiha diversi rigali *"in kind",* u mill-azzjoni attrici ma jirrizultax li l-attur qed jitlob lura minghandha tali rigali, izda biss l-ammonti ta' flus li huwa ta' taht titolu ta' self.

Illi l-allegazzjoni tal-konvenuta hija inqas kredibbli stante li fix-xhieda taghha u fix-xhieda minnha prodotti, hija temfasizza li diversi somom inghataw lilha peress li hija kienet isservi lill-attur f'diversi affarijiet fosthom li kienet issajjarlu *etc.* Illi din il-Qorti ghalkemm konxja tal-fatt li l-attur u l-konvenuta kellhom relazzjoni bejniethom, ma tistax ma tosservax, li l-kuncett ta' donazzjoni eccepiet mill-konvenuta fl-eccezzjonijiet taghha, u l-kuncett ta' hlas ghall-servigi resi msemmija minnha fix-xhieda taghha huma kompletament differenti minn xulxin, u certament wiehed ma jikkomprendix l-iehor; anzi f'certi aspetti huma kontradittorji ghal xulxin, anke minhabba l-fatt li l-element ta' gratuwita ma jezistix fit-tieni rapport guridiku, u ghalhekk abbazi tal-premess, l-allegazzjonijiet tal-konvenuta li diversi hlasijiet saru

bhala donazzzjoni ma tistax tigi lanqas accettata. Dan apparti li fl-opinjoni ta' din il-Qorti, tali allegazzjoni ma giet bl-ebda mod ippruvata mill-istess konvenuta.

Illi allegazzjoni ohra tal-konvenuta kienet li diversi ammonti ohra inghataw lilha sabiex hija tixtri affarijiet ghall-attur, kif fil-fatt qalet li ghamlet, u ghalhekk ghall-istess ammonti ma jezistix l-element ta' self pretiz mill-attur u allura ma hemm l-ebda somom x'wiehed jirrifondi. Illi pero' anke hawn, fl-opinjoni ta' din il-Qorti, u tenut kont tal-mod kif xehdet il-konvenuta tul il-kawza kollha, din l-allegazzjoni ma gietx ippruvata, u t-tezi tal-attur dwar l-istess hija hafna iktar konsistenti, kredibbli u verosimili. Inoltre' l-allegazzjoni tal-konvenuta, wkoll f'dan ir-rigward ma hija bl-ebda mod korroborata, u x-xhieda taghha hija mimlija wisq dubji u generalizazzjonijiet sabiex tirrendi l-istess testimonjanza wahda kredibbli.

Illi din il-Qorti zzid li anke fejn il-konvenuta dahlet fid-dettal, per ezempju dwar ic-cekk tal-10 ta' Jannar 1995 li hareg fuq bint il-konvenuta Charmaine, l-istess konvenuta lanqas biss kienet konsistenti, ghaliex fl-affidavit sostniet li dawn thallsu sabiex taghtih flus kontanti sabiex imur jixtri biljetti ghall-Sqallija (fol. 46) mentri fil-kontro-ezami taghha tal-11 ta' Dicembru 1998 (fol. 58) sostniet li dawn thallsu sabiex hija tixtri l-hwejjeg.

Illi fl-ahharnett apparti dawn l-inkonsistenzi kollha, l-istess konvenuta ziedet ukoll li diversi ammonti kienu jinghataw lilha sabiex hija tahfer lill-attur talli kien isawwatha; dwar din l-allegazzjoni ta' swat din il-Qorti ma sabet l-ebda prova, u jekk dawn ma kienux rari, kif l-konvenuta tidher li qed issostni, huwa stramb kif l-istess konvenuta, lanqas ma gabet l-ebda prova ta' xi rapport li ghamlet mal-Pulizija dwar l-istess, specjalment tenut kont tal-gravita' tal-offizi allegati; f'dan l-isfond u biss ghal dak li huwa relevanti ghal din il-kawza, jinghad ukoll li lanqas taht dan l-aspett it-tezi tal-konvenuta ma hija konvincenti, u ghalhekk din id-difiza wkoll qed tigi rigettata minn din il-Qorti.

Illi tenut kont ta' dak kollu jirrizulta li l-ammonti kollha rikjesti mill-attur a tenur tar-rendikont esebit minnu a fol. 7 tal-process gew ilkoll ippruvata, u ghalhekk l-istess ammont ta' Lm4,055 ghandu jigi rifuz mill-konvenuti lill-attur rappresentanti ammonti ta' flus mhallsa mill-attur a beneficcju tal-konvenuti u self ta' diversi ammonti maghmula mill-attur fil-konfront tal-konvenuta, kollox kif rikjest fic-citazzjoni attrici.

## III. <u>KONKLUZZJONI.</u>

Illi ghal dawn il-motivi, din il-Qorti **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta stante li huma infondati fil-fatt u fid-dritt, **tilqa' t-talba attrici** b'dan illi:-

(1) Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-attur is-somma ta' erbat' elef u hamsa u hamsin lira Maltin (Lm4,055), rappresentanti ammont ta' flus mislufa lill-konvenuti, li l-istess konvenuti ghandhom l-obbligu li jirrifondu lill-attur.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali, tal-mandat ta' qbid numru 3625/95, tal-mandat ta' sekwestru numru 1343/96 u bl-imghaxijiet legali mid-data tan-notifika tac-citazzjoni attrici lill-konvenuti fit-18 ta' Gunju 1996 sal-effettiv pagament kontra l-konvenuti.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**28 ta' Gunju, 2001**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur.**
**28 ta' Gunju, 2001**